# 150. Il-Messaġġ

Is-surġent bagħtu
b'messaġġ għal dar
urġenti ħafna
li ġol-isptar

Kien miet ir-raġel
ta' waħda mara,
sabiex jgħarrafha
b'dak li kien ġara.

Il-kuntistabbli
sabha bi tqila
l-aħbar iwassal
hekk hekk qalila!

'Mma kellu jobdi,
għax is-surġent
hedded li jwasslu
dak il-mument.

Il-mara toqgħod
ġewwa kerrejja:
il-kuntistabbli
sa wasal għejja;

Turġien mudlama,
mimlija ħmieġ,
u ilma mxerred,
biċċiet taż-żġieġ.

Il-bieb hu ħabbat
bil-mod il-mod,
u kif hi fetħet,
b'leħen jirtgħod

Qallha: "Karmena
żewġek marid,
u lilek jara
malajr irid."

"Xi ġralu f'daqqa,
żewġi miskin?"
"Xejn, xejn, Karmena,
ħassu ħażin."

“Ah mhux ewwilla
li żewġi miet?”
Il-kuntistabbli
waqa’ fis-skiet,

Iżda l-qalb għamel
b’għajnejh bid-dmugħ,
qallha bil-ħlewwa,
b’leħen mibluh:

“Iva ħalliena,
il-Mulej jgħinu!”
“Jista’ għalija
jieħdu ġo għajnu!”

Qalet Karmena
b’ton irrabjat;
il-kuntistabbli
baqa’ skantat,

u b’ġirja waħda
ħareġ ’il barra,
u kliem mhux xieraq
hu ferra’ ġarra!